# Michele Cassar [1]

*Mag. Joe Cassar*

Fit-28 ta' Lulju 1824 Ġużeppi Montebello "Dep. Luog. di Governo" f'Ħal Tarxien għamel stqarrija bit-Taljan imsaħħa bil-firma tiegħu dwar ħlas li kien qed jitlob Michele Cassar minn għand il-Markiż ta' Hastings, f'talbiet oħra msejjaħ "Governatore e Comandante in Capo dell' Isola di Malta e sue Dipendenze" [2]

Montebello stqarr

> *"Michele Cassar di questo Casale Tarxen in tempo dell insurrezjone della Campagna contro la Repubblica Francese ha trasportato per diverse volte de' Grani dal Porto di San Paolo colla sua Mula pel servizio dell Battaglione di detto Casale Tarxen"*

Michele Cassar kien il-mexxej tal-Battaljun ta' Ħal Tarxien[3] fit-taqtigħa tal-Maltin kontra l-Franċiżi (1798-1800 ). Kellu għalqa magħrufa bħala "Ta' Gemma" fil-kontrada "Ta' Kordin" fejn kien hemm "Guardia avanzata" maqtugħa mill-bqija tat-truppi. Fl-għalqa kien hemm siġar tat-tin imma Cassar ma setax jiġbor il-frott. .Ta għajnuna oħra lill-battaljun billi l-bhejjem tiegħu ġarrew "Cannoni per la Trincera" magħrufa bħala " Tal-Borg". Bosta drabi l-bagħla tiegħu ġarret qamħ mill-"Porto San Paolo" biex taqdi l-ħtiġijiet tal-battaljun. Talab sebgħin skud għaż-zmien li l-għalqa kellha tintelaq u ħalla f'idejn Hastinga biex jaghtieh dak li jidhirlu dwar is-servizz mogħti mill-bhejjem. Ma' l-istqarrija ta' Montebello ġew mehmuża stqarrija ta' Pietro Manueli [4], bin il-mejjet Aloisio miż-Żejtun, mexxej tal-battarija Tal-Borg, magħmula quddiem in-nutar Massimiliano Troisi Menville fiż-Żejtun fit-28 ta' Lulju 1824, ta' Carlo Ciantar, bin il-mejjet Gaetano minn Ħal Tarxien fl-istess jum quddiem l-istess nutar, ta' Angelo Caruana, surġent fil- "Guardia Nazionale" fit-2 ta' Awwissu 1824 quddiem in-nutar Francesco Cachia fil-Belt Valletta.[5]

Montebello ma semma xejn dwar l-għalqa, m'għamilx l-istqarrija tiegħu quddiem nutar. aktarx ghax kien bniedem magħruf bis-sehem li ta fil-ġrajjiet ta' dawk is-snin. Karlu Ciantar u Angelo Caruana fissru li Cassar, bejn wieħed u ieħor tilef 35 skud kull sena mill-għalqa tiegħu. (b'kollox 70 skud)

Dan id-dokument ma jgħidx x'qara sewwa mit-talba ta' Michele Cassar. Fl-ewwel folja fuq nett inkiteb *'claim for SC. 70 Bastion Services. The former part unsupported by regular documents'*. Donnu talli ta xi ħaġa, Cassar ħa xi kumpens

*Referenzi*

1. Arkivji Nazzjonali: CSG 37/10 – 1824 Nru. 505
2. Arkivji Nazzjonali: CSG 37/10 – 1824 Nru. 431. Talba tas-Sacerdot Vincenzo Camilleri tan-Nadur Għawdex
3. Arkivji Nazzjonali: CSG 37/11 – 1824 Nru. 657 Talba ta' Anna, armla ta' Giuseppe Dimech ta' Ħal Għaxaq. Hajr lil-Arkivista Nazzjonali sur Charles Farrugia
4. Kunjom Għawdxi – Qabbel miegħu Demanuele
5. Michele Cassar u Pietro Manueli kienu jafu jiktbu ismhom (di proprio pugno) filwaqt li Carlo Ciantar u Angelo Caruana ma kinux jafu( privi di lettere). Michele Cassar twieled Ħal Tarxien fis-sena 1756 minn Josefo Cassar u Grazia (Arkivji Parrokkjali, Liber 4 Baptizatorum fol. 82V) Kien miżżewweġ lil Gratia Galea u kellu erbat itfal, kien joqgħod Strada Reale. Carlo Ciantar u Angelo Caruana (magħruf bħala Tal-Lhudi) kellhom darhom fi "Strada di Dietro La Chiesa", f' xi żmien li biċċa minnha bdiet tissejjaħ Triq tal-Miġnuna (Arkivji Parrokjali Stati Animarum 1800, 1801,1802, 1803, 1804, 1805, 1806 u 1807, mhux illegati.)